# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 8 ta' Ottubru 2015

Rikors Nru. 108 / 14RGM

Kawza fil-lista: 19

**F L**
**vs**
**M X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

"Illi huwa zzewweg lill-intimata M X fit-2 ta Gunju 1990 liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, datat 15 ta' Frar 2007;

Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhorn zewg ulied, A u B ahwa L, u ma tezisti l-ebda problema dwar pendenzi ta' manteniment bejniethom.

Illi r-rikorrenti jaf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaddew oltre erba snin mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet. Ghaldaqstant r-rikorrenti F L jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex jiddikjara li z-zwieg tieghu ma' M X hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. "Illi l-esponenti ma taqbilx mal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, stante li ma jezistux 1-elementi mahsuba mil-ligi, partikolarment mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tilqa' talba ghall-hall taz-zwieg.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jinghad partikolarment illi r-rikorrent naqas b'mod konsistenti milli jhallas l-ispejjez ta' edukazzjoni w sahha skond kif obbliga ruhu li jaghmel fil-kuntratt ta' separazzjoni gia' prezentat, tant li anke gie kkundannat ihallas somma f'dan is-sens mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

3. Illi ghandu jinghad ukoll illi r-rikorrent kemm-il darba kien erratiku fil-hlas anke tal-manteniment propju, b'mod tali li ma hallasx il-manteniment adegwat dejjem u kif obbligat li jaghmel.

4. Illi minkejja dan u bla pregudizzju ghall-premess, anke jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponenti titlob illi r-rikorrent jaghti garanzija xierqa ghall-hlas ta' hames (5) snin manteniment, u dan ai termini ta' l-Artikolu 661 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-prerness, f'kaz lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, id-drittijiet akkwistati mill-esponenti fl-istess kuntratt ta' separazzjoni m' ghandhomx ikunu mittiefsa.

B'riserva ghal risposti ohra, u bl-ispejjez kontra r-rikorrent, minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2015 fejn gie registrat illi:-

*"Il-partijiet qieghdin jintrabtu illi millum il-quddiem isegwu l-procedura segwenti fir-rigward tal-hlasijiet dovuti mill-missier u cioe` sehmu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha:*

*1. M X qed tintrabat illi fl-ewwel gimgha ta' kull xahar tibghat lil F L bil-posta registrata kopja tar-ricevuti tal-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha akkumpanjati b'nota dwar l-ammont totali ta' dawn l-ispejjez sabiex F L ihallas sehmu sa mhux aktar tard minn gimgha wara li jkun ircieva l-imsemmija dokumenti.*

*M X ghandha taghmel l-ewwel tentattiv bil-posta registrata fid-dar residenzjali fid-dar ta' F L, fl-eventwalita' li l-ittra registrata tigi lura hija ghandha tindirizza l-posta registrata fil-post tax-xoghol ta' F L."*

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ikkunsidrat;

Mill-provi mressqa jirrizulta illi in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fil-15 ta' Frar 2007 il-partijiet kienu rrinunzjaw ghall-manteniment minghand xulxin filwaqt illi fir-rigward taz-zewg ulied minuri ftehmu dan li gej:-

*"5. Il-komparenti ragel qieghed jobbliga ruhu li jghati lill-komparenti M L bhala manteniment ghall-imsemmija uliedhom minuri is-somma ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180) lix-xahar rappresentanti disghin lira Maltin (Lm90) ghal kull wiehed minnhom, liema manteniment ghandu jithallas kull xahar bil-quddiem u li ghandu jigi rivedut skond l-gholi tal-hajja perjodikament bi qbil bejn il-partijiet jew fin-nuqqas ta' qbil ,skond kif deciz mill-Qorti. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tfal jibdew jghixu ghal rashom jew jispiccaw l-istudji taghhom u jibdew impjieg fiss, liema huwa l-ewwel, izda f'kull kaz mhux qabel it-tfal ma jaghlqu tmintax-il sena (18). Fil-kaz li wiehed jew iz-zewg minuri jispiccaw l-istudji u jibqghu minghajr impjieg u jghixu mal-mara, ir-ragel ghandu jibqa' jhallas l-ammonti rispettivi. 'Minghajr pregudizzju ghall-imsemmi manteniment perjodiku, ir-ragel jobbliga ruhu li jhallas nofs l-ispejjez kollha konnessi ma' l-edukazzjoni u spejjez medici ta' l-ulied. Flimkien ma' nofs l-ispejjez l-ohrajn kollha straordinarji li jistghu jirrizultaw rninn zmien ghall-iehor u dan fuq prezentata ta' ricevuta jew fattura.".*

Gie ppruvat sodisfacentement mill-konvenuta illi l-attur persistentement fuq medda ta' snin naqas milli jonora l-obbligu tieghu li jhallas sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri tant li fis-sena 2010 il-konvenuta kienet kostretta tipprocedi b'kawza ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu kontra l-attur li giet deciza fl-4 ta' Ottubru 2012 fejn l-attur kien gie kkundannat mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex ihallas lill-konvenuta s-somma ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u disghin ewro (€3,493) rapprezentanti arretrati ta' sehem l-attur mill-

ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri. Interessanti jigi osservat illi ammonti ohra pretizi mill-konvenuta f'dik il-kawza ma kienux gew trattati mit-Tribunal peress li l-ammont maghdud ma' dak kanonizzat kien jeccedi l-kompetenza ta' dak it-Tribunal.

Jirrizulta wkoll illi nonostante dik il-kawza, l-attur odjern xorta baqa' jonqos milli jottempera ruhu mal-obbligu minnu assunt fuq il-kuntratt ta' separazzjoni referibbli ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. Irrizulta wkoll illi meta giet intavolata l-kawza odjerna l-attur ma kienx ghadu hallas sehmu mill-ispejjez kif jirrizultaw mill-ircevuti ezebiti a fol. 25 sa fol 36 u minn fol 41 sa fol 43.

Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2015 gie verbalizzat illi l-attur kien hallas sehmu mill-ircevuti ezebiti minn fol 41 sa fol 43 izda ma kienx ghadu hallas sehemu mill-ispejjez li jirrizultaw mill-ircevuti ezebiti a fol. 25 sa fol 35 tal-process. Fl-istess seduta l-attur obbliga ruhu li jhallas sehemu minn dawn l-ahhar spejjez sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Lulju 2015.

Il-kawza giet differita ghallum in difett ta' ostakolu. Peress li sallum il-konvenuta ma ssenjalat lill-Qorti l-ebda nuqqas ulterjuri da parti tal-attur, il-Qorti qed tikkunsidra illi l-attur ottempera ruhu mal-obbligu minnu assunt li jhallas sal-ahhar ta' Lulju 2015.

Ikkunsidrat;

**L-Eccezzjoni Msejsa fuq l-Artikolu 66B**.

**Artikolu 66B tal-Kodici Civili** jipprovdi illi:-

"*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tasseparazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi. Pronunzjament ta' divorzju.*"

**Artikolu 57** li ghalih jaghmel referenza l-Artikolu 66B appena citat jipprovdi *inter alia* dan li gej:-

"*(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.*"

Gie ppruvat sodisfacentement mill-konvenuta illi l-attur naqas b'mod abitwali fuq medda ta' snin illi jonora l-obbligi tieghu f'dak li jirrigwarda hlas ta' sehmu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. L-Artikolu 66B jaghmilha cara illi persuna mizzewga li tonqos milli tonora l-obbligi taghha fir-rigward ta' hlasijiet ta' manteniment titlef id-dritt li tottjeni d-divorzju.

Fil-kaz odjern l-attur kien persistenti fin-nuqqas tieghu li jhallas sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri. M'hemmx dubju li l-agir u n-nuqqas tal-attur ma kienx rizultat ta' xi malintiz jew nuqqas ta' kjarezza fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-agir tal-attur fuq medda ta' snin kien intiz sabiex johloq dizagju u diffikulta' lill-konvenuta. Il-kawzali tal-attur fir-rikors promotur illi "…. ma tezisti l-ebda problema dwar pendenzi ta' manteniment bejniethom" hija manifestament infondata.

Artikolu 66B tal-Kap. 16 huwa car meta jipprovdi illi l-Qorti m'ghandiex tilqa' talba ghal divorzju jekk jirrizultalha illi l-manteniment dovut ma kienx qed jithallas.

Fil-kaz odjern il-Qorti hi tal-fehma illi ma jezistux l-estremi sabiex tichad it-talba ghad-divorzju ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Manteniment lill-konvenuta personalment ma hux dovut.

2. Il-manteniment ordinarju fir-rigward taz-zewg minuri jidher li thallas regolarment. Id-diffikulta' li holoq l-attur kienet fir-rigward tal-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u sahha tal-minuri, li wkoll jiffurmaw parti mill-manteniment.

3. Iz-zewgt itfal minuri llum qeghdin fuq l-ghatba tal-maggor eta'.

4. Fil-mori tal-kawza l-attur hallas l-arretrati kollha ta' sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha wara li gew pprezentati mill-konvenuta l-ircevuti kollha relativi.

5. Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2015 il-partijiet intrabtu illi jsegwu s-segwenti procedura:-

*"M X qed tintrabat illi fl-ewwel gimgha ta' kull xahar tibghat lil F L bil-posta registrata kopja tar-ricevuti tal-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha akkumpanjati b'nota dwar l-ammont totali ta' dawn l-ispejjez sabiex F L ihallas sehmu sa mhux aktar tard minn gimgha wara li jkun ircieva l-imsemmija dokumenti.*

*M X ghandha taghmel l-ewwel tentattiv bil-posta registrata fid-dar residenzjali fid-dar ta' F L, fl-eventwalita' li l-ittra registrata tigi lura hija ghandha tindirizza l-posta registrata fil-post tax-xoghol ta' F L."*

**L-Eccezzjoni Msejsa fuq l-Artikolu 66I**.

**Artikolu 66I sub-inciz (3) tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

"Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smiegħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet.

Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Il-qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smiegħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment."

Applikat dan il-provvediment legali ghall-fatti specie tal-kaz odjern il-Qorti hi tal-fehma illi filwaqt li ghar-ragunijiet fuq indikati ma jezistux l-estremi sabiex tichad it-talba ghad-divorzju, it-talba tal-konvenuta sabiex tinghata garanzija xierqa u ragonevoli sabiex tassigura l-hlas fil-futur tal-manteniment kollu tal-minuri hija altru milli gustifikata.

L-Artikolu 66I (3) ma jispecifikax x'forma ghandha tiehu l-garanzija hemm kontemplata. Tenut kont l-istorju twila ta' litigji bejn il-partijiet fir-rigward tan-nuqqas tal-attur li jonora l-obbligu tieghu li jhallas sehmu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri kif bonarjament pattwit bejn il-partijiet fuq il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-garanzija ser tiehu l-forma segwenti:-

**Garazija ai termini tal-Artikolu 66I (3) tal-Kap. 16**:-

1. Tordna li b'effett immedjat il-manteniment dovut lill-minuri jinqata' direttament mis-salarju ta' F L u mhallas direttament lil M X .

2. Tordna li b'effett mill-1 ta' Novembru 2015, u sussegwentement kull l-ewwel tax-xahar, min ihaddem lill-attur jiddepozita taht l-Awtorita' tal-Qorti, s-somma ulterjuri netta ta' mija u ghamsin ewro (€150) b'dan illi l-ebda spejjez gudizzjarji tad-depozitant relatati mad-depozitu m'ghandhom jitnaqqsu minn din is-somma. L-ispejjez relativi ghad-depozitu ghandhom jitnaqqsu mis-salarju tal-attur. Kull cedola ta' depozitu ghandha tigi notifikata lill-attur u lill-konvenuta.

3. Il-flus hekk depozitati ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-obbligu tal-attur li jhallas sehemu mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.

Tenut kont li irrizulta sodisfacentement illi l-attur kien persistenti fin-nuqqas tieghu li jhallas sehemu tal-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri, il-Qorti qed tiddeciedi li ghandu jigi akkollat l-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta u mit-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenuta u tordna kontra l-attur il-garanzija kif spjegata taht l-intestatura "Garanzija ai termini tal-Artikolu 66I (3) tal-Kap. 16".

2. Tilqa’ t-talba attrici u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet.

3. Tordna lir-Registratur sabiex fi zmien ghaxart ijiem utli mill-jum li fih is-sentenza odjerna ssir *res judicata*, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b’dan id-divorzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**